MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 141/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-1 ta' Gunju 2009 gew mahturin bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri C B bin-numru tal-Att tat-Twelid 875 tas-sena 2004;**
**D B;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Din il-kawza qeghda ssir sabiex tigi impunjata l-paternita' tal-minuri C B li minkejja illi twieled fiz-zwieg bejn ir-

rikorrent u l-intimata D B, huwa l-wild naturali ta’ ragel iehor, kif jigi ppruvat.

A u D B zzewgu fis-27 ta’ Gunju 1999 fil-Knisja Parrokkjali ta’ Hal Safi. Waqt iz-zwieg taghhom twieldu erbat itfal illi minnhom it-tielet wiehed huwa l-intimat minuri C B illi twieled fis-7 ta’ Marzu 2004 skond l-anness att tat-twelid hawn esebit bhala dokument “A”;

Illi sussegwentement ghat-twelid tat-tarbija, ir-rikorrent sar jaf illi l-intimata D B kien kellha diversi relazzjonijiet adulteri ma’ iktar minn ragel wiehed, u difatti kienet saret kawza fejn gie deciz minn din il-Qorti illi r-raba’ wild E mhux il-wild naturali tar-rikorrent;

Illi huwa kien issuspetta illi l-intimat C B, ukoll mhux il-wild naturali tieghu izda huwa dak iz-zmien kien baqa’ jrid isalva z-zwieg tieghu u ma ha l-ebda azzjoni fir-rigward;

Illi minn dak iz-zmien, l-intimata D B tinsab separata de facto mir-rikorrent, u wasal appik il-waqt li jigi konkjuz kuntratt ta’ separazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimata;

Illi ricentement, ir-rikorrent ottjena l-ezamijiet tad-DNA li qeghdin jigu hawn esebiti u mmarkati bhala dokument “B”, u r-rizultat tal-ezami in kwistjoni huwa illi “*Therefore A B is with a probability of 100% not the biological father of the child C B*”;

Illi b’digriet taghha tal-20 ta’ April 2009, din il-Qorti kienet tat permess illi jinfethu dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap. 16, liema digriet hu hawn esebit u mmarkat bhala dokument “C”;

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku qed jigi hawn citat limitatament sabiex jibdel l-att tat-twelid fuq imsemmi kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi l-minuri C B mhux il-wild legittimu tal-imsemmi rikorrenti, u dana ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-ewwel kolonna ta' taht (jew ahjar, il-kolonna intestata "*isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier*" tal-Att tat-Twelid numru tmien mija u hamsa u sebghin tas-sena elfejn u erbgha (875/2004) jithassar l-isem, il-kunjom tar-rikorrent u minflok jitnizzel il-kliem "missier mhux maghruf";

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fit-tieni kolonna ta' taht (jew ahjar, il-kolonna intestata "*id-dokument tal-identita'*" tal-Att tat-Twelid numru tmien mija u hamsa u sebghin tas-sena elfejn u erbgha (875/2004) jithassru c-cifri u l-kliem "0278974M Maltese ID card number";

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fit-tielet kolonna ta' taht (jew ahjar, il-kolonna intestata "*Eta' / Snin*" tal-Att tat-Twelid numru tmien mija u hamsa u sebghin tas-sena elfejn u erbgha (875/2004) jithassar in-numru 2292;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fir-raba' kolonna ta' taht (jew ahjar, il-kolonna intestata "*fejn twieldu*" tal-Att tat-Twelid numru tmien mija u hamsa u sebghin tas-sena elfejn u erbgha (875/2004) jithassru l-kliem "Attard Malta";

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fil-hames kolonna ta' taht (jew ahjar, il-kolonna intestata "*isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet*" tal-Att tat-Twelid numru tmien mija u hamsa u sebghin tas-sena elfejn u erbgha (875/2004) jithassru l-kliem "D B (dead)".

Bl-ispejjez kontra l-intimata D B, li flimkien mal-intimati l-ohrajn tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet tal-1 ta' Gunju 2009, li permezz tieghu gew mahtura l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer biex jirraprezentaw lill-minuri C B.

Rat id-digriet tal-20 ta' April 2009, li permezz tieghu, ir-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza.

Rat li, ghalkemm debitament, l-intimata D B ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat ir-risposta guramentata tal-fuq imsemmija kuraturi, li in forza taghha eccepew:

L-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li inforza taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta' *denegata paternita'*, ir-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi subordinatament, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A (A-E) B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 875 tas-sena 2004. Fuq l-istess linji ghandhom ukoll jigu mhassra l-kliem '*the father*' mir-ringiela fejn hemm indikat min ghamel id-dikjarazzjoni;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A B qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-minuri C B m'huwiex wild legittimu tieghu. L-imsemmi minuri twieled waqt iz-zwieg tar-rikorrenti ma' martu u b'hekk gie registrat bhala ibnu.

Ir-rikorrenti pprova l-allegazzjoni tieghu b'dik li f'ghajnejn din il-Qorti, hija l-aqwa prova u cioe' l-ezami xjentifiku, konfermat bil-gurament minn Rolf Burkhard fil-Germanja.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi l-minuri C li twieled fis-7 ta' Marzu 2007 lil D B m'huwiex iben A B. Tordna illi fl-Att tat-Twelid Nru. 875/2004 fil-kolonna bil-konnotati tal-missier ghandhom jithassru l-konnotati kollha ta' A B u jitnizzlu minflok il-kliem "missier mhux maghruf". Mill-kolonna bil-konnotati tal-omm ghandhom jithassru l-kliem "the said". Mill-informazzjoni dwar min ghamel id-dikjarazzjoni ghandhom jithassru l-kliem "the father".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn D B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------